MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 323/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Andre` Francois Buhagiar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Andre` Francois Buhagiar talli nhar-is 17 ta’ Ottubru, 2006 ghall habta tas-7.30 ta’ fil-ghodu gewwa Mandchan, Triq l-Isqof Gargallo, Gharghur naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta fis-digriet taghha tal-10 ta’ Jannar 2006, li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest ta’ l-imsemmi Andre` Francois Buhagiar u tarrestah mill-gdid;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Ottubru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Andre` Francois Buhagiar hati u, wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghal piena ta’ prigunerija ta’ xahar u, wara li rat l-artikolu 579(3) ta’ l-istess Kap. 9, laqghet it-talba ghar-revoka tal-helsien mill-arrest ta’ l-istess Andre` Francois Buhagiar u l-arrest tieghu mill-gdid;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Andre` Francois Buhagiar ipprezentat fl-24 ta’ Ottubru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-hitja izda tapplika piena anqas harxa fic-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell jirrigwarda l-piena u specifikatament dik il-parti li permezz taghha gie ordnat ir-riarrest ta’ l-appellant.

L-appellant jghid, fl-ewwel lok, illi l-ligi kif inhi tista’ tohloq sitwazzjoni fejn imputat jinghata zewg pieni fuq l-istess fatt. Jghid illi d-digriet tal-helsien mill-arrest u l-effetti ta’ x’jigri jekk tali digriet jinkiser huma guridikament ghal kollox distinti mill-akkuza odjerna. Ghalhekk, ikompli l-appellant, kundanna ghall-akkuza u ordni ghar-riarrest ifisser li l-Qorti tkun qed tinfliggi zewg pieni fuq l-istess akkuza. Dan, skond l-appellant, ikun possibilment bi ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tieghu.

Dwar dan issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Civili Prim’ Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) moghtija fil-11 ta’ Dicembru 2006 fir-referenza kostituzzjonali 58/2006 fl-atti tal-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qort ta’ Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zahra** fejn dik il-Qorti sabet li ma hemm ebda ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew

tal-Konvenzjoni fejn fi proceduri bhal dawk odjerni tinghata piena u jigi ordnat ir-riarrest ta' l-imputat.

L-appellant pero` jissottometti wkoll illi l-parti leza fil-proceduri li dwarhom l-appellant kien inghata l-helsien mill-arrest qed tikkunsidra li tahfer lill-appellant u tirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli. Ghalhekk il-piena konsistenti fl-ordni ta' riarrest hi harxa wisq meta l-kawza principali tista' tispicca, aktar iva milli le, fi procediment ezawrit.

Issa, mill-atti jirrizulta illi l-appellant, fi proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), inghata l-helsien mill-arrest fl-10 ta' Jannar 2006 b'certi kundizzjonijet, fosthom: *"Li ma jkellimx jew javvicina b'xi mod lix-xhieda tal-prosekuzzjoni, b'mod specjali lil Charmaine Camilleri (mizzewga Cini) u lill-familjari taghha"*. Dawn il-proceduri ttiehdu wara rapport li sar mill-imsemmija Charmaine Camilleri fis-17 ta' Ottubru 2006 li l-appellant kien mar id-dar taghha meta kienet hemm u sgassa l-bieb u dahal. Huwa nstab fil-post mill-Pulizija.

Meta tressaq quddiem l-ewwel Qorti fit-18 ta' Ottubru 2006, l-appellant ammetta l-akkuza mill-ewwel u dakinhar stess inghatat sentenza fejn gie kkundannat xahar prigunerija. Effettivament huwa skonta dik is-sentenza diga` fil-mori ta' dan l-appell. Pero` l-ewwel Qorti, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni, irrevokat il-helsien mill-arrest ta' l-appellant u ordnat l-arrest mill-gdid tieghu.

Quddiem din il-Qorti xehdet Charmaine Camilleri li effettivament ikkonfermat illi hi u l-appellant "issa rrangajna u qieghed sewwa". Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk ghadhomx johorgu flimkien, ix-xhud wiegbet fl-affermattiv.

F'tali cirkostanzi din il-Qorti ma tarax illi hemm lok li tigi kkonfermata r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-ordni ghar-riarrest. Pero`, stante li l-kondizzjonijiet li tahthom huwa gie akkordat il-helsien mill-arrest ghandhom jigu osservati skrupolozament u *ad litteram*, l-appellant ghandu minnufih jadixxi dik il-Qorti li quddiemha hemm pendenti l-

proceduri kontra tieghu sabiex jitlob it-tibdil opportun fid-digriet tal-helsien mill-arrest ta’ l-10 ta’ Jannar 2006.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu s-sejbien ta’ htija u l-piena ta’ xahar prigunerija, tirrevokaha in kwantu rrevokat il-helsien mill-arrest u ordnat l-arrest mill-gdid ta’ l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------